**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**

**DOTT. CONSUELO SCERRI HERRERRA LL.D. Dip. Matr. (Can.)**

**Rikors Numru: 277/15 CSH**

**Square Foodstuffs Limited (C15467)**

**Vs**

**Saviour Muscat (227366M)**

**Illum 16 ta' Dicembru, 2015.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors pprezentat mis-socjeta' attrici Square Foodstuffs Limited (C15467) fir-Registru ta' din il-Qorti nhar is-16 ta' Settembru, 2015 fejn l-istess socjeta' talbet lil din l-Onorabbli Qorti tikkundanna lill-konvenut:

Prevja kull dikjarazzjoni ta' din il-Qorti hekk meqjusa necessarja, jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbat elef mitejn u hamsa w erbghin Ewro w sitta w tletin centezmu (€4245.36), jew dik is-somma ohra verjuri li din il-Qorti joghgobha tikkundannah ihallas.

Din is-somma, dovuta lis-socjeta' attrici mill-konvenut, tirrapprezenta bilanc ta' prezz, inkluz il-VAT, ta' merkanzija konsistenti fi prodotti processati tal-ikel, mibjugh u kkonsenjat lilu mis-socjeta' attrici kif jidher mid-dokument anness u mmarkat Dok. A.

Bl-imghax fuq dan l-ammont, u bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa jinsab ingunt in subizzjoni.

Rat illi l-konvenut kienu debitament notifikat skond riferta pozittiva tal-Marixxall Eugenio Mallia datata 19 ta' Novembru2015 fejn thalliet kopja tal-avviz fl-indirizz tal-konvenut kif moghti fir-rikors promotur tas-socjeta' attrici (fol. 10 tergo).

Rat illi fis-seduta tad-9 ta' Dicembru 2015 il-konvenut gie msejjah izda ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici.

Rat illi fis-seduta tas-16 ta' Dicembru 2015 il-konvenut ma deherx.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut Saviour Muscat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbat elef, mitejn u hamsa w erbghin Ewro w sitta w tletin centezmu (€4245.36) ghar-ragunijiet imsemmija fir-rikors promotur. Bl-imghax legali fuq dan l-ammont u l-ispejjez tal-kawza a karigu tal-konvenut.**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D.**

**Magistrat**

**Marbeck Spiteri**

**Deputat Registratur**